


*Fuq ix-xellug jidhru żewġ pitturi ta' Kevin Attard u fuq il-lemin tidher il-pittura* ***MDINA*** *ta' Denise Muscat*

# Wirja ta' Pitturi ta' Kevin Attard u Denise Muscat

Fis-Sala tal-Wirjiet, fil-Ministeru għal Għawdex ittellgħet wirja ta' pittura minn żewġ artisti żgħażagħ. Kevin Attard u Denise Muscat, li diġà wrew ix-xogħol tagħhom kemm f'wirjiet kollettivi kif ukoll f'wirjiet personali. Din hija l-ewwel wirja tagħhom flimkien. L-istili differenti tagħhom ibbilanċjaw lil xulxin u b'hekk inħolqot armonija interessanti ta' kuluri.

Kevin Attard, li jaħdem fil-qasam artiġjanali tal-filugranu, f'din il-wirja wera ukoll biċċa xogħol mdaqqsa tal-fidda. Kevin għamel l-ewwel wirja tiegħu fl-2003 u wara, fl-2005 f'din l-istess sala. Il-pitturi ta' Kevin huma purament astratti, logħob bil-kuluri li huma ħielsa minn kull irbit.



*Lombadina Beach (gold), xogħol ieħor ta' Denise Muscat*

Denise Muscat, imwielda u toqgħod in-Nadur, Għawdex, hija għalliema ta' l-Arti fil-Kulleġġ San Injazju, Liċeo Marija Reġina, Blata l-Bajda. F'din il-wirja kellha xogħol ġdid b'bixra oriġinali. Denise użat materjal mormi bħall-ħġieġ miksur u biċċiet tal-landa, fost oġġetti oħra, biex holqot d-dawl u t-'*texture*'. Motif komuni magħmul minn biċċiet tal-mirja deher f'ħafna mil-pitturi, bi skop biex kull min ħares lejhom seta' jara r-rifless tiegħu nnifsu u jsir parti mil-pittura stess.

# Donazzjoni ta' apparat lil Fr Raymond Portelli

Il-GMA (*Gozo Medical Association*) għamlet donazzjoni ta' apparat mediku lil Fr. Raymond Portelli, qassis u tabib min-Nadur, Għawdex u li jgħix fil-missjoni, il-Perù. Il-preżentazzjoni saret mill-President tal-GMA, Dr. Robert Sciberras li esprima l-apprezzament għax-xogħol li qiegħed jagħmel Fr. Portelli. Dr. Sciberras fakkar li s-sena l-oħra kienet saret għotja simili u wiegħed aktar għajnuna lil Fr. Portelli fis-snin li ġejjin. Min-naħa tiegħu, Fr. Portelli rringrazzja lil GMA ta' din l-għotja f'isem il-pazjenti fqar tiegħu ġewwa l-Perù.

Fir-ritratt jidher Dr. Robert Sciberras President tal-GMA (lemin) jippreżenta l-għotja ta' apparat lil Fr. Raymond Portelli.



# President ġdid għall-Kamra tan-Negozju għal Għawdex

Is-**Sur Joe Grech** għadu kif ġie elett unanimament bħala President tal-Kamra tan-Negozju għal Għawdex għas-snin 2008 - 2009.

Is-Sur Grech hu membru fundatur tal-Kamra tan-Negozju għal Għawdex u serva bħala Uffiċċjal għar-Relazzjonijiet Pubbliċi, Teżorier, u Viċi-President fil-Kunsilli preċedenti. Serva wkoll bħala Chairman tal-Kumitat ta' l-Artiġjanat fi ħdan il-Kamra mill-bidu tagħha, oriġina l-Fiera tan-Negozju għal Għawdex u serva ta' *Chairman* tal-kumitat organizzattiv tal-Fiera mis-sena 2002 sa l-2004. Kien membru tal-grupp ċentrali tal-



*Joe Grech*

Kumitat Reġjonali tal-Proġetti għal Għawdex; irrappreżenta lill-Kamra fil-laqgħat ta' l-INSULEUR li jsiru Brussles u kien *Chairman* tal-Kumitat Organizzattiv tas-7 Forum ta' l-INSULEUR (Għaqda tal-Kmamar tal-Kummerċ tal-Gżejjer Ewropej) li sar f'Għawdex is-sena li għaddiet u jirrappreżenta 'l Kamra f'kumitati oħra reġjonali.

Is-Sur Grech qal lil *The Maltese Herald* li hu qed iħares 'l quddiem biex ikompli jibni fuq issuċċessi milħuqa minn ta' qablu u li ser ikompli jaħdem mill-qrib ma' l-Eżekuttiv tal-Kunsill u malmembri kollha għall-Iżvilupp ta' Pjan Strateġiku li jkompli jkabbar l-ekonomija t'Għawdex.

# AĦBARIJIET MINN GĦAWDEX ma' Charles Spiteri





*Paul G. Zammit (lemin) mir-Rabat, Għawdex, li għamel snin jaħdem fil-Qrati t'Għawdex , jidher waqt l-iffirmar tal-awtobijografija The Politics of Persuasion. Paul għandu lil ħuh iż-żgħir, Louis jgħix f'Victoria, l-Awstralja.*

# Il-President Emeritu, De Marco, f'Għawdex

L-E.T. il-Prof. Guido de Marco, President Emeritu ta' Malta, akkumpanjat minn martu Violet, żar il-ħanut tal-kotba, *Bookworm*, fir-Rabat, għal *book signing session* tal-awtobijografija tiegħu *The Politics of Persuasion*.

Numru kbir ta' Għawdxin, uħud minnhom bil-familja b'kollox, kif ukoll xi Maltin u barranin, marru l-*Bookworm*, sabiex mhux biss jiffirmalhom il-ktieb imma anke jitkellmu miegħu.

Mal-wasla tagħhom, l-E.T. u s-Sinjura de Marco, intlaqgħu mill-proprjetarji tal-ħanut, Joe u Marija Grech.

L-E.T. il-President Emeritu deher kuntent ħafna u issorprenda ruħu bir-rispons tan-nies u esprima illi n-nies kienu kordjali ħafna.



*Persuni jistennew sabiex jiltaqgħu ma' l-E.T. il-President Emeritu l-Prof. Guido de Marco.*


# Kalendarji ta' Malta 2008

**Għad baqgħalna ftit Kalendarji għal bejgh ta'din is-sena 2008 b'veduti mill-isbaħ ta' Malta**




**Prezz SPEĊJALI $5 u jekk triduh impustat żidu $5**
**Ċemplu The Maltese Herald (02) 9637 9992**
**jew iktbu fl-indirizz P.O. Box 330 Merrylands NSW 2160**
**Iċ-Ċekk iktbuh f'isem Lino Vella**